# L- Altar ta' San Franġisk di Paola
## (fil-Knisja Arċipretali tal-Gudja)



Fuq in-naħa tax-xellug tal-Knisja Parrokkjali tal-Gudja, fuq in-naħa ta' l-Altar il-Maġġur, insibu l-Altar ta' San Franġisk di Paola. Dan l-altar huwa msejjaħ ukoll l-Altar tat-Trinita' Mqaddsa għalkemm id-dedikazzjoni tiegħu hija lil San Franġisk ta' Paola kif fil-fatt insibu fil-viżti pastorali u dokumenti oħra[1]. Ġie mwaqqaf madwar l-1723[2] meta ingħata l-permess mill-Kurja tal-Isqof fuq talba tal-fondatriċi. Il-Knisja Parrokkjali kienet għadha tista tgħid ġdida; kienet ġiet inawgurata fl-1656 u bil-mod kienet qed tieħu d-dehra li għandha llum. Dan l-altar kien il-frott ta' fondazzjoni magħmula minn armla mill-Gudja, Joannella Camilleri, imwielda Bonniċi.

Kienet id-drawwa illi fl-istess kwadru jitpoġġew figuri ta' qaddisisn differenti. Hekk, per eżempju, fl-Altar tal-Madonna tar-Rużarju hemm ix-xbihat ta' San Duminku, Santa Katarina minn Siena, Santa Roża, il-Papa Gregorju u San Ġorġ Martri. F'dak tal-Madonna tal-Konsolazzjoni naraw lil Santa Monica, Santu Wistin, San Nikola u l-erwieħ tal-Purgatorju. F'dawn iż-żewġ altari hemm ix-xbieha ta' Ġesu Bambin. Xi drabi l-qaddisin ikollhom konnessjoni ċara mad-dedikazzjoni, ngħidu aħna, San Duminku għandu rabta kbira mar-Rużarju Mqaddes waqt li l-Ordni ta' Santu Wistin għandu konnessjoni mill-qrib mad-devozzjoni taċ-ċintura. Santa Monika hija omm Santu Wistin. San Ġorġ u San Nikola ilhom venerati mill-antik ħafna u kienu fost l-aktar popolari bħala protetturi tal-insara.

Il-pittura ta' l-Altar ta' San Franġisk ukoll fiha numru ta' figuri, iżda dawn, mal-ewwel daqqa t'għajn, jidhru diskonnessi. Għalhekk tajjeb nagħtu ħarsa aktar mill-qrib lejn dan il-kwadru u l-familja tal-fundatriċi tiegħu. Joannella Camilleri għamlet il-fondazzjoni tagħha fil-1723 wara l-mewt ta' żewġha li kien jismu Lucio. Mela, x-xbieha tal-Papa Lucio qegħda hemm għax ir-raġel tagħha kien jismu Luċio. L-istess ngħidu għal-San Ġwann l-Evanġelista. Hija kien jisimha Joannella, San Ġwann kien il-qaddis protettur tagħha. L-altar huwa ddedikat lil San Franġisk de Paola, għalhekk dan il-qaddis qiegħed fin-nofs ta' dan il-grupp. It-Trinita` Mqaddsa, fin-naħa ta' fuq tal-pittura m'għandiex bżonn spjegazzjoni. Alla fuq kulħadd u protettur ta' kulħadd. It-Trinita` wkoll tirrappreżenta s-salvazzjoni, l-għan ta' kull nisrani. Għalhekk it-tliet qaddisin qedgħin iħarsu l-fuq lejn it-Trinita` Mqaddsa. Mela l-qaddisin rappreżentati fil-pittura juru devozzjoni personali u, indirettament, anke jfakkruna fil-fondatriċi u żewġha.

Fil- Viżta Pastorali tal-Isqof Alpheran fl-1745 insibu din id-deskrizzjoni:
L-isqof ispezzjona altar taħt it-titlu ta' San Franġisk de Paola mibni mill-ġebel u li kellu kull ma kien meħtieġ għas-sagrificċju tal-quddiesa. Fil-korsija tax-xelluq tal-knisja, fuq in-naħa tal-Altar il-Maġġur, u sabu mżejjen deċentement u provist b'dak li hu neċessarju, u b'ikona mdawra bi gwarniċ ta' l-injam indurat li turi fuq in-naħa ta' fuq, il-figura tal-Missier Etern u ta' Sidna Ġesu Kristu u, fil-parti t' isfel, ix-xbihat tal-qaddisin Franġisk de Paola, Gwanni Evangelista, Lucio. Quddiem l-altar hemm lampier tar-ram imdendel, bil-lampa li tinxtegħel fil-ġranet tas-soltu. Il-festa tiġi ċċelebrata bl-ewwel u t-tieni għasar u quddiesa kantata fit-tieni jum t'April, festa ta' San Franġisk di Paola. Kien hemm il-piż li jitqaddsu tliet quddisiet letti kull sena, waħda fil-festa tat-Trinità, oħra fil-festa ta' San Ġwann Evangelista u t-tielet fil-festa ta' San Lucio, Papa u Martri. Dan tħalla minn Joannella Bonniċi Camilleri, fondatriċi ta' dan l-altar.'[3]

Mela fl-1745, l-Isqof Alpheran isemmi dan l-altar bħala wieħed iddedikat lil San Franġisk de Paola u nsibu l-istess ħaġa ġo viżti pastorali oħra. Barra minn hekk, il-festa ta' San Franġisk, fit-tnejn t'April, kienet tiġi ċċelebrata b'aktar sollennità mill-kommemorazzjonijiet ta' San Ġwann, San Lucio u tat-Trinita` stess.

Ftit nafu dwar Joannella Bonnici Camilleri. L-ewwelnett, għaliex f'din il-Viżta Pastorali nsibu żewġ kunjomijiet? Kienet imwielda Bonnici u żżewġet lil Luċju Camilleri, iżda m'għandniex naħsbu li n-nisa kienu jibqgħu iġibu kunjom xbubithom bħal-lum! Viżta Pastorali hija rapport dwar il-parroċċa u fiha jingħataw

ukoll istruzzjonijiet. Aktarx li min kiteb ir-rapport ried ineħħi kull ċans ta' tfixkil dwar l-identita` tal-fondatriċi li waqqfet dan l-altar wara li kienet romlot. L-aħħar kliem tal-viżitatur itik x'tifhem illi ix-xewqa tagħha ma kenitx qed tiġi segwita għal kollox. Il-viżitatur ordna li tinġieb il-fondazzjoni magħmula minn Joannella Bonniċi Camilleri biex l-obbligazzjonijiet ikunu magħrufa aħjar. Mhux ħaġa impossibli li l-flus minn qbiela jew dħul ieħor bdew jonqsu speċjalment jekk, kif jidher, huma ma kellhomx tfal, għallinqas ħajjin. Fl-Istatus Animarum[4] tal-1695, miġbur mill Kappillan Dun Bernard Dingli, insibu familja magħmula minn tnejn biss, Lucius Cammilleri u Joannella martu. Hu kellu tnejn u erbgħin sena u hi kellha disgħa u tletin.[5] Ma jissemmew ebda tfal la f'dan l-Istatus Animarum u lanqas fit-testment tagħhom.

L-Arkivji Parrokkjali u testment li huma għamlu fl-1707 jagħtuna aktar informazzjoni dwarhom. Hu kien bin Bartholomew u Magdalena li kienu joqogħdu l-Gudja.[6] Hi ġiet mgħammda fl-għoxrin ta' Marzu 1654 u kienet bint Matteolo Bonnici u Katarina[7] mill-Gudja. Iżżewġu nhar is-27 ta' Ottubru 1675.[8] Joannella mietet nhar il-25 ta' Lulju 1731.[9] Lucio kellu ħutu: Mariutia, li kienet mart Ġovanni Zammit mill-Gudja, u Anna Lazzarina, xebba, li kienet tgħix il-Birgu. Joannella kellha żewġ neputijiet xebbiet minn ħuwa Ġovanni li kienu joqogħdu l-Gudja, u neputi minn ħuwa ieħor jismu Salvu li kien jgħix l-Isla.[10]

Żewġha, Lucio Camilleri, jidher li kien attiv ħafna fil-parroċċa. Jissemma fit-tieni Viżta Pastorali ta' l-Isqof Cocco Palmieri fl-1692[11], bħala wieħed miż-żewġ prokuraturi tal-Artal tal-Kruċifiss u tas-Sodalita tal-Agonizzanti: l-altar li jinstab biswit dak li qedin niddeskrivu. Fir-reġistru tas-Suppliche fil-Kurja tas-sena 1707 huwa msemmi bħala wieħed mill-erba' prokuraturi tal-"Fabbrica della Ven$^{e}$ Chiesa Parrochiale della Gudia"[12]. Huwa, flimkien mal-prokuraturi l-oħra, kienu qed jitħabtu biex il-bini tal-knisja jitkompla. Kien baqa' titlesta l-koppla iżda l-flus kienu spiċċaw u n-nies kienu foqra wisq biex jikkontribwixxu aktar. Għalhekk, il-prokuraturi pproponew li jintużaw xi flus tas-Sodalita tal-Agonizzanti biex jispiċċaw ix-xogħol. Fil-Viżta Pastorali tal-1709 huwa msemmi bħala prokuratur li kien intgħażel ħafna snin qabel[13].

It-testment tagħhom ikompli juri kemm kienet għal qalbhom il-Knisja Parrokkjali l-ġdida, li għandna niftakrunbniet fi żmienhom b'ħafna diffikultajiet u qtigħ il-qalb. Fil-bidu tat-testment esprimew ix-xewqa tagħhom li t-tnejn jiġu midfuna fiha. Ħallew mitejn skud għal ruħhom. Minnhom għaxra kellhom imorru għar-Reverenda Fabbrika, jiġifieri għall-knisja, ħames skudi kull wieħed għall-altari tar-Ružarju, tal-Madonna tal-Karmnu, tal-Agonizzanti u ta' Santu Rokku (Illum nafuh aktar bħala tal-Kunċizzjoni). Il-bqija tal-flus kellhom jiġu applikati fiċ-ċelebrazzjoni ta' quddies letti fi kwalunkwe knisja u altar, bil-ħlas ta' żewġ tari u ħames grani għal kull quddiesa. Wara kull quddiesa ċ-ċelebrant jew qassis ieħor kellu jgħid ir-ružarju malpoplu. Nofs din is-somma kellha tintuża wara sena mill-ewwel mewt u n-nofs l-ieħor wara sena mill-mewt ta' l-aħħar wieħed. Parti minn dawn il-flus kellhom jintużaw għall-funerali tagħhom, xiri ta' xema u għaċ-ċelebrazzjoni ta' quddies għal ruħhom fit-tieni, it-tielet, is-seba' u t-tletin jum minn mewthom.

Fl-erbgħa t'Awissu 1731 insibu supplika, jiġifieri talba, imressqa mill-prokuraturi tal-Knisja parrokkjali, Ġovanni Abdilla u Ġovanni Barbara, u mill-Kappillan Dun Marcello Gatt. Joannella kienet mietet ukoll u l-prokuraturi riedu li t-testment li hi u żewġha kienu għamlu fl-1707 jiġi effettwat. Skond din it-talba kienu ħallew wieħed lill-ieħor eredi ta' xulxin. Wara l-mewt tat-tnejn riedu li l-ġid tagħhom jintuża għaċ-ċelebrazzjoni ta' quddiesa kuljum. Fil-kas li d-dħul ma jkunx biżżejjed kellhom inaqqsu mill-quddies, u jekk id-dħul ikun iżjed kellhom iżidu in-numru tal-quddies mingħajr ir-reċitazjoni tar-Ružarju u jħallsu biss żewġ tari. Eżekuturi ta' dan kellhom ikunu l-prokuraturi tal-Veneranda Fabbrika tal-Knisja Parrokkjali li kellhom jamministraw il-beni u l-flus. Ħallew ukoll uqija kull sena lil-istess Rev. Fabbrika.[14]

Illum dan l-altar iżejjen il-Knisja, iżda forsi ftit jaħsbu fl-istorja tiegħu u ta' l-altari l-oħra u kif in-nies kienu jikkontribwixxu biex il-Knisja Parrokkjali tieħu forma kompleta. Xi wħud kienu jikkontribwixxu xogħol jew xi ftit flus milli kellhom. Oħrajn, bħal Lucio u martu li kienu tat-tajjeb, setgħu joffru aktar. L-għaqdiet bħal dik tal-Agonizzanti wkoll taw sehemhom. Il-Knisja Parrokkjali kienet iċ-ċentru tal-ħajja tar-raħal u min kien jagħmel kontribuzzjoni lill-knisja kien ikun qed jagħmilha lill-komunita` kollha.

***(Nixtieq nirringrazzja lid-diretturi u l-istaff tal-Kanċellerija tal-Kurja Arċivoskivili u tal-Arkivji tal-Mużew tal-Katidral Imdina u lill-Arċipriet tal-Parroċċa tal-Gudja għall-għajnuna tagħhom fir-riċerki tiegħi.)***

***Paul Farrugia***

**Riferenzi**

1 Tant hu hekk li fil-festa ta' San Franġisk, it-tnejn t'April, kienet issir quddiesa kantata u għasar waqt li fil-jiem tal-qaddisin l-oħra u tat-Trinita` kienet issir quddiesa letta.
2 Viżta Pastorali Alpheran 1729.
3 Viżta Pastorali Alpheran 1745.
4 Status animarum kienet lista tan-nies tal-parroċċa li l-kappillan kellu jagħmel kull sena u jibgħatha lill-isqof. In-nies kienu mqassmin bil-familja. Fi status animarum issib l-istat ta' kull persuna li kienet tgħix fil-parroċċa, ngħidu aħna, kenitx miżżewġa, armla, bint, oħt jew mart il-kap tal-familja. B'xorti ħażina ħafna snin jew dan ma sarx, jew il-kopja ntilfet.
5 L-età tagħha, skond ir-registru tal-magħmudijiet, kella tkun wieħed u erbgħin. Jidher li l-Kappillan ma kienx jiċċekkja mar-reġistru imma kien joqogħod fuq l-età li kienu jtuh in-nies. Żbalji fl-età ma kienux rari dak iż-żmien!
6 Arkivji Knisja Parrokkjali Gudja, Reġistru taż-Żwiġijiet 2, f 55.
7 Arkivji Knisja Parrokkjali Gudja, Reġistru tal-Magħmudijiet, 1555-1675, f 934.
8 Arkivji Knisja Parrokkjali Gudja, Reġistru taż-Żwiġijiet 2, f 55.
9 Arkivji Knisja Parrokkjali Gudja, Reġistru tal-Imwiet 3, 1679-1774.
10 F'dawn u f'dokumenti oħra konnessjonijiet mal-Kottonera jissemmew aktar milli mal-Belt Valletta. Per eżempju kellhom min jiġi minhom fil-Kottonera u t-testment sar Bormla. It-tlett ibliet huma eqreb mill-Belt Valletta, fattur importanti meta n-nies kienu jivjaġġaw bil-mixi.
11 Viżta Pastorali 1692 f.162r.
12 L-erba' l-oħra kienu Anton Azzopardo, il-Kleriku Gio Maria Pace, il-Mro Lorenzo Corcop u Gio Domco Cachia.
13 Viżta Pastorali 1709 f 407r.
14 It-testment u s-supplika ma jaqblux f'xi dettalji.

## Il-Gudja ssir Arċipretali - 19 ta' Lulju 2006

**Qabel is-seklu ħmistax, il-Gudja u rħula oħra kienu jiffurmaw Bir Miftuħ. Ħafna minn dawn spiċċaw waqt li oħrjan komplew jikbru.**

**Fl-1436, l-Isqof Senatore de Mello rraporta li kienu jeżistu għaxar parroċċi – fosthom ta' Bir Miftuħ. Il-parroċċi li komplew jikbru saru arċipretali.**

**Fl-aħħar tas-seklu sittax, Ħal Safi, Ħal Kirkop, Mqabba, Ħal-Tarxien u Ħal Farruġ inqatgħu minn Bir Miftuħ. Hekk għamlet Ħal Luqa fil-bidu tas-seklu sbatax u l-istess Birżebbuġa fil-bidu tas-seklu għoxrin.**

**Fil-Gudja nħass il-bżonn li tinbena knisja fil-qalba tar-raħal u fl-1666, Dun Ġwann Gatt ġarr kollox minn Bir Miftuħ għall-Gudja. Fit-13 ta' Novembru ta' dik is-sena ddikkjara li hu l-kappillan tal-knisja parrokkjali ta' Bir Miftuħ, magħrufa bħala l-Gudja. Kien jixraq li Bir Miftuħ jissejjaħ ukoll parroċċa arċipretali. Il-Gudja, bħala l-fdal ta' Bir Miftuħ, kellha tiret dan it-titlu.**

***L-Arċipriet flimkien mas-saċerdoti, il-Kunsill Pastorali Parrokkjali u l-Bord Editorjali jawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd***


# Monreal Paint Centre



**Over 10,000 colours**
**All kinds of paint.**
**All Interior Decorations**

**Bronja Street, Żurrieq**
**Tel: 21 682435 Mob: 9947 6824**
**Chairs and Tables for Hire**